# REĠJUN TRAMUNTANA

**112 Triq Ġulju, Buġibba, San Pawl il-Baħar SPB 2617, Malta.**

**Laqgħa tar-Reġjun Tramuntana numru 1 ta’ 2021, miżmuma nhar l-14 ta’ Jannar 2021, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv tar-Reġjun Tramuntana.**

Il-Laqgħa bdiet fis sebgħa neqsin għoxrin ta’ filgħaxija.

---

Preżenti

Membri Preżenti:

| | | | |
|---|---|---|---|
| • Anton Mifsud | | | President |
| • Paul Vella | Mġarr LC | | Viċi President |
| • Christianne Mifsud | Mtarfa LC | (online) | Membru |
| • Mary Anne Abela | Swieqi LC | (online) | Membru |
| • John Buttigieg | Mellieha LC | (online) | Membru |
| • Romilda B. Zarb | Mosta LC | (online) | Membru |
| • A.M.Muscat Fenech Adami | Naxxar LC | (online) | Membru |
| • Omar el Arab | Pembroke LC | (online) | Membru Delegat |
| • Matthew Chetcuti | Rabat LC | | Member |
| • Daryl Connor | San Pawl il-Baħar | (online) | Membru |

Membri Skuzati:

| | | |
|---|---|---|
| • Raymond Schembri | Dingli LC | Membru |
| • Abraham Aquilina | Għargħur LC | Membru |

Membri Assenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Peter Sant Manduca | Mdina LC | Membru |

Is-Segretarju Eżekuttiv – George Abdilla



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

AĠENDA

1.1.1.Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
1.1.2.Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
1.1.3.Komunikazzjoni tal-President;
1.1.4.Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri:
1.1.5.Kumunikazjoni
1.1.6.Rapporti;
  1.1.6.1. Quarterly Financial Report – (1/1 – 31/12/2020 Qtr 4)
  1.1.6.2. Annual Budget for 2021
  1.1.6.3. Fianacial statement 2020
1.1.7.Affarijiet oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;
  1.1.7.1. Tnedija tal-ktieb
  1.1.7.2. Tindif ta' Victoria Lines
  1.1.7.3. Nar l-lejlet l-ewwel tas-sena
  1.1.7.4. Waste management
  1.1.7.5. Seminar – Marzu 2021
  1.1.7.6. Mgarr Solar Farm proposed application.
  1.1.7.7. European Label of Good Governance
1.1.8.Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
1.1.9.Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-Laqgħa nfetħet mil-President Anton Mifsud. Bdiet fis-18.40hrs. Il-President tar-Reġjun fetaħ il-laqgħa billi rringrazzja lill-membri tal-attendenza.

## 1.1.1 - Qari t' Apoloġiji

Is-Sinjur Peter Sant Manduca kien assenti.

## 1.1.2 - Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti

Il-Minuti tal-laqgħa numru 133 (2020) ittieħdu bħala moqrija. Paul Vella ippropona li jkunu approvati. Romilda B Zarb issekondat l-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

IS-SE informa lill-membri dwar il-laqgħa ta' konsultazjoni li kien attenda aktar kmien fil-gurnata flimkien ma Ms Vanya Veras. Spejga li fil-laqgha dwar il-pjan tal-gvern ghal imanigjar ta' l iskart, hareġ li hemm diversi nuqassijiet fil figuri per esempju. Hek ukoll li ir-regjuni mistenija jibdew jiehdu hsieb parti mil-iskart tal kummercjal. Spejga li fliemkien ma Ms Veras, kien qed jiprepara dokuemnt biex ikun sottomess mir regjun fil pjan ta konsultazjoni. Il-Membri talbu li issir laqgha specifika rigward dan is-sgget fliemkien ma ms Veras. D-data proposta hi ghal 21ta' Jannar.



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

### 1.1.3 Komunikazzjoni mil-President

Il-President beda diskussjoni fuq il-materja ta' applikazzjonijet tal-PA meqjusa bħala *Major Projects,* speċjalment dawk li jistgħu jaffetwaw iktar minn kunsill wieħed. John Buttigieg saqsa jekk l-AKL qattx iddiskutiet din il-problema. Il-president wieġeb li iva, u kienet għamlet anke' sottomissjoni tagħha fil-każ tad-DB f'Pembroke. Romilda Zarb qalet li mportanti li r-Reġjun ikun involut meta l-iżvilupp jolqot iktar minn lokalita' waħda. Anton Mifsud ippropona li r-Reġjun għandu ikollu persuna fuq il-Bord tal-Ipjanar meta jkun hemm każi ta' major projects li jaffetwaw iktar minn lokalita waħda jew meta l-Kunsill Lokali jitlob l-appoġġ tar-Reġjun. Il-membri kollha talbu li jissekondaw din il-mozzjoni, u qablu unanimament dwarha.
Romilda Zarb ipproponiet li meta l-Kunsill Lokali jkun mgħajjat mil-PA, ir-Reġjun ikun involut. Paul Vella issekonda. Il-membri qablu unanimament.

### 1.1.4 - Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

Romilda B Zarb, staqsiet fuq it-tender tal CM tar- Regjun. Is-SE spejga li dan kien skada u kein hareg iehor ozda kellu direzjoni mid-dipartiment tal-kuntratti biex iwwaqf dak it-tender min habba possibilita ta' appell. Is-SE kien fil fatt waqqaf dan it-tender u beda process biex jerga johorgu. Dan it tender ser ikun qed jinqasam fl-lots parti ghal CM u parti ghas sistema electrocnia. It-Tender tad dawl ghadu validu u jiskadi 2022.

Is-sinjura zarb staqsiet ukoll dwar l-assistenza ghal-outdoor facilities. SE spejga li din l-assistenza ser tkun gghal-kunsilli biex tghihom f-postijiet ta sport ghal tennagers u adulti, u mhux playgrounds, li hemm skema specifika mid DLG.

Is-Sinjura Zarb talbelt li l-korriospondenza regjonali tintbaght lil membri biex dawn ikun li jresquwa lil Kunsill. Is-SE ikkemferma li

### 1.1.5 - Kommunikazjoni

### 1.1.6 – Rapporti

### 1.1.7 – affarijiet oħra

Fireworks – New Years Eve
Is-SE spjega l-proposta minn Mary Anne Abela rigward li r-Reġjun jikkuntratta l-kmamar tan-nar sabiex dawn itellgħu lobgħa tan-nar f' lejlet l-ewwel tas-sena. Dan qed nirreferu għal 1/1/2021. Spjega li kien kellem lil-kmamar tan-nar biex jara jekk kienx hemm interess u humiex disponibli. Numru minn dawn kienu wieġbu fl-affermattiv. Saret diskussjoni fuq dan.

Mary Ann Abela proponiet li issir din l-attivita', fejn f'kull lokalita' jittella xi logħob tan-nar, ibbażat fuq nar minn fuq il-bjut. Din għandha ssir ftit qabel nofs il-lejl. Ir-Reġjun għandu jikkordina mal-Kunsilli u jara min hu interessat fiha, u mal-kmamar tan nar. Il-budget għandu jkun ta' 800 ewro u r-Reġjun jieħu ħsieb ukoll spejjeż ta' fire engine u insurance. Anton Mifsud issekonda l-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

Romilda Zarb ipproponiet li la darba ser issir din l-attivita', allura ir-Reġjun għandu ukoll iqabbad lil xi hadd bid-drone u jiffilmja din l-attivita', u ixandarha. Matthew issekonda din il-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

Deputy Executive Secretray
Is-SE talab il-membri jekk iridux jestendu il-mandat tad-DES. Anton Mifsud ippropona li Kristina Camilleri tibqa id-DES. Mary Ann Abela issekondat il-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

Is-SE preżenta lil-membri il-performace bonus tal-impjegati. Spjega li kien kuntent ferm bl-imġieba ta' tnejn minnhom, kif ukoll kien qed jistenna ftit iktar mit-tnejn l-oħra. Talab lil-membri jagħtu 6% PB lill-impjegati kollha u kien ser jitkellem ma dawn it-tnejn lil jekk ma jilħqux dak li qed jitlob, darba oħra jingħataw 3%. Saret diskussjoni u s-SE intalab li minflok jagħti 5% lil dawn iż-żewġt impjegati. Saret ukoll diskussjoni fuq il-PB tas-SE. Anton Mifsud ippropna li PB tal-impjegati kif ukoll tas-SE ikunu approvati. Anne Marie Muscat Fenech Adami issekondat. Il-membri qablu unanimament.

Fir-rigward tal-Performance Bonus tas-SE, Anton Mifsud ippropona li dan jitħallas kollu. Il-membri issekondaw il-mozzjoni u qablu ma' din l-istess proposta.

L-ikla tar-Reġjun kien propost li timxi għat-8 ta' Jannar 2021. Il-membri qablu li jmexxu għal din id-data.

Proposti ta' proġetti għal 2021 u għal Business Plan 2021 – 2024

i. **CCTV Budget** 20K- Anton Mifsud ippropona li l-budget għac-CCTV's jiżdied għal 40,000 ewro. John Buttigieg talab li l-engineer Galea Curmi jkun involut fil-proċess. Paul Vella issekonda. Il-membri qablu.

ii. **Education Courses** 22.5K– Romilda Zarb proponiet li jsiru Customer Care Course, First Aid kif ukoll Fire Fighting Course. Dawn għandhom ikunu miftuħin għall-membri tal-istaff u il-Kunsilliera. Il-Budget huwa ta' 5000 ewro għal kull kors. Għandhom isiru ukoll 5 laqgħat għall-Kunsilliera matul is-sena, budget ta' 7500 Ewro. Paul Vella u Christianne Mifsud issekondaw il-mozzjoni. Il-Membri Qablu.

iii. **Virtual Tour Website 50K**– Il-President ippropona li r-Reġjun jibda proċess ta' Virtual Tour Website fejn ikun hemm 3D tours u views ta' affarijiet interessanti tar-Reġjun. Għal dan qed jitpoġġa budget ta' 50,000 ewro. Matthew Chetcuti issekonda. Il-membri qablu.

iv. **Ktieb Reġjonali fuq Knejjes u Kappelli 20k** – Anton Mifsud ippropona li jsir it-tieni ktieb reġjonali, din id-darba bis-suġġett ikun il-kappelli u l-knejjes tar-Reġjun. Romilda Zarb issekondat, il-membri qablu. Budget ta' 20K Ewro

**v.** **AED – 18K –** Anne Marie Muscat Fenech Adami, issekondata minn Romilda Zarb ipproponiet li r-Reġjun jixtri magna Automatic External Defiblirator għal kull kunsill. Budget ta 18,000 ewro. Il-membri qablu. Paul Vella ser jibgħat id-dettalji tal-magna lis-SE.

vi. **Regional Youth Band Festival – 50K** Anton Mifsud ippropona li r-Reġjun itella Festival għaż-żgħażagħ tal-mużika. Christianne Mifsud issekondat. Il-membri qablu. Budget 50,000 Ewro

vii. **Regional Emerging Artists Fund & Collective Exhibition – 35K.** Paul Vella ippropona, issekondat minn Anne Marie Muscat Fenech Adami u Mary Ann Abela, fond ta' 35K biex isiru workshops fuq l-Arti, kif ukoll issir esebizzjoni kollettiva għal 24 artist ġdid fir-Reġjun. Il-membri qablu

viii. **Regional research Fund for Masters and PHD students –** 20K John Buttigieg ippropona, issekondat minn Mary Anne Abela fond ta' 20 elf ewro li jservi bħala research fund għal studenti ta' PHD u Masters għal riċerka li ssir u taffetwa lir-Reġjun. Il-Membri qablu.

ix. **Regional Street Art and Murals Festival -50K** Romilda Zarb, issekondata minn Mary Anne Abela ipproponiet li jsir festival reġjonali fuq street art u murals, b'fond ta' 50 elf ewro. Il-membri qablu.

x. **Victroia Lines Festival and reenectment – 35K –** Il-President, issekondat minn Mary Anne Abela ippropona li jsir Festival Reġjonali rigward il-Victroia Lines, b'fond ta' 35K ewro. Il-membri qablu.

xi. **Regional Kayak race/Tour 10K –** Paul Vella, issekondat minn Anne Marie Muscat Fench Adami ippropona b'fond ta' 10 elef ewro, attivita' bil kayaks mal-kosta reġjonali, mil-Ġnejna sa' Pembroke. Il-membri qablu.

xii. **Footbal nurseries festival –** 10K Anne Marie Muscat Fenech Adami, issekondata minn Matthew Chetcuti ipproponiet festival reġjonali tal-football nurseries b'fond ta' 10K. Il-Membri Qablu.

xiii. **Assistenza reġjonali għal outdoor sport facilities 30k –** Anne Marie Muscat Fenech Adami, issekondata minn Romilda Zarb, ipproponiet li r-Reġjun jgħin lill-Kunsilli Lokali f'xiri ta' faċilitajiet sportivi li jintużaw fit-triq, b'fond ta' 30 elf ewro. Il-membri qablu unanimament.

**xiv. Perception Survey – 15K –** Anton Mifsud issekondat minn Romilda Zarb, b'fond ta' 15-il elf ewro, ippropona li jsir survey reġjonali fuq il-perċezzjoni u stennija tan-nies fuq il-Kunsilli Lokali, il-membri qablu.

**xv. Nudging Active Travel – 25K** Paul Vella, issekondat minn Mary Ann Abela ippropona li l-proġett Nudging Active Travel hekk kif preżentat waqt il-forum reġjonali mil-Professur Attard ikun implimentat. Għal dan il-progett hemm fond ta' 25 elf ewro. Il membri qablu.

**xvi. Trasport reġjonali – 50K.** Romilda Zarb issekondata minn Paul Vella ipproponiet fond ta' 50K ewro għal proġett tat-trasport hekk kif ġa' diskuss mir-Reġjun. Il-membri qablu.

**xvii. Assistenza Librerija Reġjonali 10K –** Paul Vella, issekondat minn Romilda Zarb ippropona li r-Reġjun jgħin lil-Libreriji reġjonali b'fond ta' 10K ewro. Il-membri qablu.

**xviii. Assistenza marketing kulturali – 26K –** Paul Vella, issekondat minn Christianne Mifsud, ippropona assistenza għal marketing ta' attivitajiet kulturali mir-Reġjun ta' Euro 18-il elf, kif ukoll tmint elef ewro ta' assistenza reġjonali għal marketing b'midja soċjali. Il-membri qablu



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

xix. **NGO Publications assistance 20K –** Il-President ippropona, issekondat minn Matthew Chetcuti li r-Reġjun jibda jieħu paġna fil-publikazzjonijiet ta' NGO's (registrati) biex iwassal il-messaġġ tiegħu. Il-membri qablu

xx. **Journal Reġjonali 20k** il-President ippropona, issekondat minn Christianne Mifsud, li r-Reġjun jibda jagħmel publikazzjoni annwali. Romilda Zarb ipproponiet li l-fond għal dan għandu jiżdied għal 20K. Il-membri qablu.

xxi. **Ingaġġ ta' uffiċjali – 78K** Romilda Zarb ipproponiet, issekondata minn Anne Marie Muscat Fenech Adami, li r-Reġjun jimpjega uffiċjal kulturali, ufficjal għal fondi Ewropej kif ukoll uffiċjal għal assistenza lil NGOs kif ukoll fond għal assistenza amministrattiva ta' 10 elef ewro, fond ta' total ta' 78k ewro. Il-membri qablu.

xxii. **Umbrella services –** Anne Marie Muscat Fenech Adami, issekondata minn Paul Vella, proponiet li r-Reġjun jbda joħroġ talbiet għal servizzi bħal risk assessment, u contract management għall-Kunsilli. Bis-saħħa ta' talba akbar ikun possibli li jintalab servizz 24/7. Il membri qablu unanimament.

xxiii. **Xiri ta' propjeta' 500K –** Anton Mifsud, issekondat minn Paul Vella u Christanne Mifsud ippropona fond ta' 500 elf biex imur għal xiri ta' propjeta' reġjonali. Il-membri qablu.

xxiv. It-talba ta' aċċessibilita' għas-sena kollha tal-baħar ma kienitx milquha. Omar El Arab talab biex ir-Reġjun jistudja l-possibilita' ta' accessibilita' aħjar għall-baħar għad-disabli.

xxv. Is-SE spjega li l-proġetti futuri imsemmija bħal pereżempju smart parking, green walls u oħrajn, ikunu priorita' tal-persuna li tiddaħħal fl-EU funds post u jfittex fondi ewropej għal dawn il proġetti. Spjega ukoll li l-membri għadhom iridu jiddiskutu pjattaforma li tqarreb il-voluntier mal-komunita'. Il-membri qablu li jistudjaw u jiddiskutu din il-proposta .

Il-President talab lill-membri kunsilli li dawn għandhom jagħtu paġna fin-newsletters tagħhom lir-Reġjun sabiex dan iwassal il-messaġġ tiegħu. Romilda Zarb issekondat din it-talba. Il-membri qablu unanimament.

## 1.1.8 – Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-iskeda 132 kienet preżentata. Paul Vella ippropona li tkun approvata. Matthew Chetcuti issekonda il-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

## 1.1.9 - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fit-tmienja ta' filgħaxija.
Il-laqgħa li jmiss ser tkun nhar it-Tlieta 12 ta' Jannar 2021 fis-sitta u nofs ta' filgħaxija.

_________________________ _____________________________



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

Anton Mifsud
President

George Abdilla
Segretarju Eżekuttiv

Approvati llum 14 ta’ Diċembru 2020



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt